# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 43

Il-Hamis, 27 ta' Jannar, 2011

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillieri Azzopardi u Borg infurmaw li kienu ser ikunu xoghol u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 42 li saret nhar l-Erbgha, 6 ta' Jannar, 2011 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Triq l-Arcisqof bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Lvant***
Dwar Triq l-Arcisqof bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Lvant, il-Kunsill gie nfurmat li din kien ser isirilha l-paviment mill-Gvern Centrali u ghalhekk il-Kunsill qabel li minflok isir Sqaq Toni Bajada.

***Il-ktieb 'Gheruq Beltin'***
Dwar il-ktieb tas-Sur Victor Scerri 'Gheruq Beltin', il-Kunsill hatar lill-Kunsillier Buontempo bhala l-editur tieghu.

## L-OFFERTI PENDENTI GHAS-SERVIZZ TA' PERITI GHAL DIVERSI PROGETTI

Il-Kumitat imwaqqaf ad hoc sabiex jevalwa l-offerti li l-Kunsill ircieva ghall-progetti tal-Biccerija u l-Manoel Guest House iltaqa' u ressaq il-proposti tieghu (Appendici A).

Dwar il-progett tal-Manoel Guest House, il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kumitat u cioe` li tinghazel il-proposta tal-Perit Chris Briffa.

Dwar il-progett tal-Biccerija, il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta tal-Kumitat, izda qabel ghandu jigi ccarat jekk tistghax issir attivita` kummercjali minhabba li l-progett isir jekk jigu fondi ta' l-ERDF.

## IL-KUNTRATT TAL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP DWAR IT-TOROQ

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienet harget is-sejha ghall-offerti dwar il-PPP u kienet saret applikazzjoni wahda ghat-toroq kollha ma' Transport Malta.

## QUARTERLY FINANCIAL REPORT

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq u ta spjega tal-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Lulju-Settembru, 2010. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport (Appendici B).

## L-ESTIMI TAD-DHUL U HRUG GHAS-SENA 2011

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq u spjega draft ta' l-estimi tad-dhul u hrug ghas-sena 2011.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Regjun kien qabel u accetta li sakemm jigu fi tmiemhom il-kuntratti ezistenti li l-Kunsilli Lokali tal-Belt, Floriana u Marsa ghandhom individwalment dwar is-sistema ta' l-infurzar lokali, dawn jibqghu hekk sakemm jintemmu l-kuntratti rilevanti. Wara, jissiehbu fil-kuntratt tar-Regjun.

Il-Kunsill unanimament approva dawn l-estimi.

**LAQGHA TAL-LOKALITA`**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-laqghat tal-lokalita` ser isiru fit-8, fil-15 u fit-22 ta' Frar fit-tliet Parrocci. Kien hemm qbil li tintbghat ittra dwar dan f'kull dar fil-Belt.

**PERFORMANCE BONUS TAS-SEG. EZEK. U L-IMPJEGATI TAL-KUNSILL**

Il-Kunsill approva l-massimu tal-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll ta' l-impjegati kollha tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li jitwaqqaf sotto-kumitat ad hoc kompost mill-Vici Sindku u mill-Kunsillieri Buontempo u Camenzuli sabiex jipproponu kif dan jista' jigi mkejjel ahjar bhal per ezempju isiru self appraisal reports.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ma qabilx li jkun ko-partecipi f'attivita` Malta Design Weekend, li hija esebizzjoni ta' arti minn diversi artisti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien talab li l-isem ta' l-attivita` jkun Valletta Design Weekend izda din ma gietx milqugha;

- Il-Kunsill ma qabilx ma talba ta' l-Ghaqda tal-Pawlini sabiex f'Jum il-Festa ta' San Pawl, titla' bandiera Pawlina ma' l-arblu tal-Kunsill. Madankollu l-Kunsill qabel unanimament li ssir tappiera fil-Pjazza tal-Bank Centrali sabiex tintuza mill-festi u beltin wara l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan ghandu jitpogga f'post li ma jintilifx parking;

- Il-Kunsill ma laqax talba tas-Sur Ivan Farrugia sabiex jiggestixxi attivita` ta' fotografija f'post pubbliku fil-Belt;

- Is-Sindku rcieva stedina mill-belt ta' Cortona sabiex jattendi ghall-ftuh tal-wirja ta' kollezzjoni mill-Louvre. Fost l-ohrajn ser ikunu esebiti mapep antiki tal-belt Valletta. Huwa l-hsieb tas-Sindku li din il-wirja ssir ukoll fil-belt Valletta. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill ser ikun qieghed johrog biss l-ispejjez ghall-flight;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Gnien Hastings***
Is-Sindku nforma li kien dahal rapport li minhabba xi vendikazzjonijiet li saru fid-dawl ta' gnien Hastings u tkisser fitting tad-dawl, kien ha xokk tifel li kien qed jilghab mal-genituri fil-gnien. Minhabba dan il-periklu, inghalaq immedjatament il-Gnien u l-ELC qeghdin jippreparaw proposta sabiex jigi eliminat id-dawl mill-art u jizdied aktar mas-sigar u arbli ohra kif ukoll isiru bozoz 'energy saving'. Kien hemm qbil dwar dan.

***Karnival***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba l-progett ta' Bieb il-Belt, l-arena ma tistghax issir fi Pjazza Helsien. Ghal din is-sena ser issir fit-terminus bejn il-funtana tat-Tritoni u l-Biskuttin.

***Works Manager***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kiteb lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar il-possibilta` li il-kunsill jimpjega works manager u dan minhabba n-natura tax-xoghol u attivitajiet li jsiru fil-Belt.

**MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Camenzuli staqsa lis-Sindku jekk il-Monti tal-Hadd jistghax jidhol il-Belt fi Triq ir-Repubblika issa li ser jitnehha mill-Foss minhabba l-Progett tat-terminus il-gdid.

Is-Sindku wiegeb li dwar ir-rilokazzjoni tal-monti qieghed jitkellem mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi.

Il-Kunsillier Buontempo staqsa jekk hawnx xi awtorita` li taghmel kontroll fuq il-kobor tal-vannijiet u trakkijiet li jidhlu l-Belt.

Is-Sindku wiegeb li l-VRP kienet ghamlet talba biex issir draft ta' Ligi dwar dan izda f'dan il-perjodu inbidel is-CEO.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsill qabel unanimament biex issir bandiera ohra tal-Belt izghar minn dik li saret sabiex tittella' kuljum. Il-Kunsill approva wkoll kwotazzjoni ta' €650 minghand is-Sur Antoine Farrugia sabiex isir standard ufficcjali tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir survey tal-Main Guard.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Ma kienx hemm awtorizzar ghall-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet.

**TMIEM**

Fis-6.00pm il-Kunsill aggorna ghal nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2011 fis-2.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku